

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI  
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.9375 — Clearlake/Insight/Appriss)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 192/02)

Fit-23 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32019M9375. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 — Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009**

(2019/C 192/03)

Wara li daħal fis-seħħ għalkollox l-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħa "Linji Gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009"<sup>(2)</sup> hija emendata kif ġej:

1. il-punt 3(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jekk l-istokk ikkonċernat jinqabad f'sajd imħallat u nuqqas sinifikanti tal-kwota jkun se jevita lill-ispeċijiet assoċjati f'dik il-qabda mis-sajd imħallat milli jġu sfruttati; jew";

2. il-punt 5 jitħassar.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>(2)</sup> ĠU C 72, 10.3.2012, p. 27.